31996R1510

L 189/89 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 30.7.1996

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1510/96 tas-26 ta' Lulju 1996 dwar il-klassifika ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda

IL- KUMMISSJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura ta' tariff u statistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1192/96 [2], u b'mod partikulari l-Artikolu 9,

Billi biex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, huwa meħtieġ li jkunu addottati miżuri dwar il-klassifika ta' l-oġġetti li hemm referenza għalihom fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hi kollha kemm hi jew parzjalment bażata fuqha jew li żżid xi subdiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi komunitarji, bil-ħsieb ta' l-applikazzjoni ta' miżuri ta' tariffa u oħrajn li għandhom x'jaqsmu ma' kummerċ f'oġġetti;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa mar-Regolament preżenti għandhom ikunu klassifikati taħt il-kodiċijiet xierqa tan-NK indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet iddikjarati fil-kolonna 3;

Billi huwa aċċettat li informazzjoni li torbot dwar tariffa maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' Stati Membri dwar il-klassifika ta' oġġetti fin-nomenklatura magħquda u li ma jikkonformawx mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament, tista' tissokta tkun invokata, taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbiixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju [3], għal perjodu ta' tliet xhur mill-possessur;

Billi l-miżuri li jipprovdi għalihom dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tas-Sezzjoni dwar in-Nomenklatura ta' Tariffa u Statistika tal-Kumitat dwar il-Kodiċi Doganali,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma issa kklassifikati ġon-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċijiet xuerqa tan-NK indikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

Artikolu 2

Informazzjoni li torbot dwar tariffa maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' Stati Membri li ma jikkonformawx mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament tista' tissokta tkun invokata taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fi-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Lulju 1996.

Għall-Kummissjoni

Mario MONTI

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU L 156, tad-29.6.1996, p. 15.
[3] ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.

L-ANNESS

Deskrizzjoni	Klassifika Kodiċi tan-NK	Raġuni
(1)	(2)	(3)
1. Qoxra tal-plastik, f'żewġ biċċiet, li fiha: — żugraga tal-plastik b'dijametru ta' 2,5 ċm, u — *chewing gum* f'għamla ta' boċċa miksija biz-zokkor b'kontenut ta' zokkor tal-kannemieli b'piż ta' 69,5 % (inkluż zokkor *invert* espress bħala zokkkor tal-kannemieli)	Żugraga 9503 90 32 Chewing Gum 1704 10 99	Il-klassifika hija ddeterminata bid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura kkombinata, bin- Nota 2 (v) tal-Kapitolu 39 u bil-kliem (rabta ta' kliem) tal-kodiċijiet tam9503-NK , 9503 90, 9503 90 32,1704 , 1704 10 u 1704 10 99 Mhux prodott kompost fit-tifsira tar-regola ġenerali 3 (b) għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u b'mod partikolari mhux prodott imqieghed f'sett għal bejgħ bl-imnut. Ara n-Nota Spjegattiva ta' HS, regola 3 (b), (X), subparagrafu 1 u 3.
2. Preparazzjoni ta' ikel f'għamla ta' trab li tikkonsisti f'taħlita ta': *(perċentwal ta' piż)* Trabtax-xorrox 30-35 Trab tal-ġobon 20-25 Melħ 15-18 Basal u tewm 8-10 Trab tax-xorrox tal-butir 8-10 Aċidu lattiku u aċidu ċitriku 3-4 Tursin < 1 Estratt ta' bżar aħmar ħelu < 0,5 Ħwawar < 0,5 Żejt tas-sojja < 0,25 Diossidu tas-silikon < 0,5 Dan il-prodott jintuża bħala taħwir fil-manifattura ta' ikel tal-ħeffa.	2103 90 90	Il-klassifika hija ddeterminata bir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u bil-kliem (rabta ta' kliem) tal-kodiċijiet tan-NK2103 , 2103 90 u 2103 90 90.